FLORIANA

KUNSILL LOKALI - FLORIANA - LOCAL COUNCIL
15 Pjazza Emanuel S. Tonna, Floriana FRN1483
Telephone No. 21 235523, 21 236951 Fax No. 21 237723

11 ta' Jannar 2015

# LAQGĦA TAL-KUNSILL

**Minuti tal-Laqgha Straordinarja tas-Sitt Kunsill Lokali Floriana**

Il-Laqgha Straordinarja tas-Sitt Kunsill Lokali Floriana nzammet **nhar il-Gimgha 9 ta` Jannar 2015 fl-5.00pm** L-agenda ghal din il-laqgha kienet din :-

1. Kuntratt Ftuh u Gheluq ta Gonna / Latrini / Subways

Ghal-Laqgha Straordinarja tas-Sitt Kunsill kien hemm prezenti **il-Vici Sindku Matthew Paris Kunsillier Vincent Borg u Il-Kunsillier Edward Torpiano, flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv.**

**Is-Sindku Nigel Holland, u il-Kunsilliera Davina Sammut Hili ma setghux ikunu prezenti**

**Bidu tal-laqgha:**

Il-laqgha nfethet permezz ta' talba zghira mill-Vici Sindku Matthew Paris

## 1. Kuntratt Ftuh u Gheluq ta Gonna / Latrini / Subways

1.1 Il-Vici SInkdu Matthew Paris fetah il materja billi qal li l-Kuntrattur prezenti, KDF Ltd, ma xtaqx li jerga jiggedded il kuntratt tal-Ftuh u Gheluq, u Tindif ta Gonna, Latrini Pubblici, u Ftuh u Gheluq ta` subways, ghaldaqstant, il-Kunsill kellu jiehu l-azzjonijiet necessarji sabiex dan ix-xoghol jibqa jsir mal-iskadenza tal-kuntratt. Il-Vici Sindku Matthew Paris talab lis-Segretarju Ezekuttiv jispjega x'jista jsir f'dan il-kaz.

1.2 Is-Segretarju Ezekuttiv informa lil Kunsill li ma kienx hemm zmien bizzejjed sabiex tinhareg u tigi konkluza offerta gdida. Huwa qal li l-kunsill jista joffri l-kuntratt lil irhas offerent li kien imiss, li jkun jilhaq il-kriterji kollha tat-tender *(compliant)*, u dan sakemm jinghalaq il-process ta offerta gdida.

1.3 Is-Segretarju Ezekuttiv prezenta l-iskeda tal-offerti sottomessi fit-tender.

1.4 Il-Kunsill qabel li is-servizz ta ftuh u gheluq ta subways mghandux jigi mitlub u dan ix-xoghol mandux jibqa jsir ladarba dawn jaqaw taht ir-responsabilta` tal-Gvern Centrali.

1.5 Il-Kunsill qabel ukoll li l-ftuh, gheluq u tindif tal-latrini pubblici ta` hdejn il-Bieb tal-Bombi ghandu jibqa sospiz ga ladarba hemm diskussjonijiet ohra u separati ghaddejin fuq din il-materja.

1.6 Il-Kunsill qabel li l-Kuntratt ghandu jigi offrut ghall-tlett (3) xhur, u dan sakemm tinhareg offerta gdida, b'xi kundizzjonijiet differenti.

1.7 Il-Kunsillier Edward Torpiano ghalhekk ressaq mozzjoni sabiex din l-offerta tinghata ghall-tlett xhur lil-Dion Galea, minhabba li kien l-irhas offerent li jilhaq ir-rekwiziti kollha mitluba, issekondata mill-Kunsillier Vince Borg, ittiehed vot bir-rizultat kien:

Favur: 3 (ET, VB, MP)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

1.8 Il-Kunsillier Vince Borg talab li, kif kien diskuss f'laqgha precedenti, fl-offerta il-gdida ghandha jigi ikkunsidrat il-possibilta li l-gnien jitnaddaf mill-haddiema tal-Kunsill. Huwa ppropona ukoll li jigi indikat il-hinijiet ta-t-tindif tal-latrini, u li dan ix-xoghol ghandu jsir darba mal-ftuh/gheluq, u darba xi hin wara nofsinhar. Il-Kunsill qabel

1.9 Il-Vici Sindku Matthew Paris ppropona li fl-offerta ghandu jigi indikat li l-massimu tal-ammont li l-kunsill lest li jhallas ghas-servizzi kollha, u li dan ghandu jkun ta mhux aktar minn €10,500, izda pero li l-*bill of quantities* ikun separat u li l-kunsill izomm id-dritt li jaghzel liema servizzi irid. Il-Kunsill qabel.

1.10 Is-Segretarju Ezekuttiv ppropona li nel frattemp, terga titqies il-possibilta li l-Kunsill jinvesti f'sistema ta` *Guard and Patrol* li ghandu jservi sabiex jigi kkontrollat li s-sevizz ikun qed isir kif mitlub. Il-Kunsill qabel li l-kwotazzjonijiet jergaw jigghu mitluba sabiex jigu ikkunsidrati.

Il-laqgha ntemmet fis-17.40 pm .

~~Dr Matthew Paris~~
~~Vici~~ Sindku
(NIGEL MOLLAND
SINDKU)

Svetlick J. Flores
Segretarju Ezekuttiv